MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 1190/2008

**Carmen Grech u żewġha Alfred Grech għal kull interess li għandu**

***Versus***

**Francis u martu Mary Cutajar**

Din il-kawża hija dwar irkupru suċċessorju.

L-attriċi tgħid illi hija bint il-mejtin Joseph Callus u Giovanna *née* Zammit; ħutha huma Nicolina Mifsud, Emanuel Callus u Angela *sive* Giulia Balzan. Din tal-aħħar mietet u wirtuha Hubert Balzan u Dorann Vassallo.

Joseph u Giovanna Callus kellhom bi proprjetà l-fond fis-Siġġiewi, Triq il-Knisja l-Qadima, jismu *Stella Maris*, bl-arja tiegħu u bi ġnien u ġardina.

Joseph Callus fit-testment tiegħu kien ħalla l-użufrutt lil martu Giovanna u ħatar bħala werrieta lil uliedu, l-attriċi u ħutha. Għalhekk mal-mewt ta' missierhom l-attriċi u ħutha saru s-sidien (jew, aħjar, nudi proprjetarji) tal-fond fuq

imsemmi fis-sehem ta’ wieħed minn tmienja ($^{1}/8$) kull wieħed u waħda.

Giovanna Callus b’kuntratt pubblikat fid-9 t’Ottubru 2002 fl-atti tan-Nutar Angelo Vella kienet tat is-sehem tagħha mill-fond b’*datio in solutum* lill-atturi.

Ħut l-attriċi, bla ma qalulha, bigħu l-ishma tagħhom ta’ tlieta minn tmienja ($^{3}/8$) flimkien lill-konvenuti b’kuntratt tat-3 ta’ Marzu 2008 fl-atti tan-Nutar Mary *sive* Mariella Mizzi.

Dan il-bejgħ, tgħid l-attriċi, jagħtiha jedd li, bis-saħħa tal-art. 912 tal-Kodiċi Ċivili, tirkupra mingħand il-konvenuti l-ishma mill-fond li dawn kisbu u li teskludihom mill-qasma. Għalhekk, sabiex timxi kif tgħid u trid il-liġi, b’ċedola ta’ depożitu u rkupru għarrfet lill-konvenuti b’dan il-ħsieb tagħha u sejħitilhom biex jersqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relativ, iżda l-konvenuti ma għamlu xejn.

L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-attriċi għandha s-setgħa u l-jedd illi tirkupra mingħandhom l-ishma tal-fond li huma xtraw mingħand ħutha;
2. tikkundanna lill-konvenuti jittrasferixxu lill-attriċi l-ishma hekk minnhom mixtrija;
3. taħtar kuraturi biex jidhru f’isem il-konvenuti jekk dawn ma jidhrux għall-pubblikazzjoni tal-att relativ; u
4. taħtar nutar pubbliku biex jippubblika l-att.

Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż.

Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni illi l-art. 912 tal-Kodiċi Ċivili, li fuqu hija mibnija l-azzjoni, ma jgħoddx għall-każ għax huma ma kisbux il-jeddijiet tal-werrieta fuq il-wirt ta’ Joseph Callus iżda kisbu biss tliet ishma mhux maqsuma minn tmienja ($^{3}/8$) tal-fond *Stella Maris*, Triq il-Knisja l-Qadima, is-Siġġiewi, li kien jagħmel biss parti mill-wirt ta’ Joseph Callus.

L-art. 912 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

**912.** (1) Jekk wieħed mill-werrieta jkun ċeda, b’titolu oneruż, il-jeddijiet tiegħu fuq il-wirt lil xi ħadd li ma jkunx ukoll werriet, il-werrieta l-oħra jew wieħed jew iżjed minnhom jistgħu jeskludu liċ-ċessjonarju, allavolja dan ikun qarib tal-mejjet, mill-qasma, billi jħallsu lilu l-prezz taċ-ċessjoni, l-ispejjeż li jkun għamel għal dik iċ-ċessjoni, u l-imgħaxijiet fuq il-prezz minn dak in-nhar li dak il-prezz ikun ġie mħallas minnu liċ-ċedent

Li trid il-liġi biex il-werrieta l-oħra jinqdew bis-setgħa mogħtija taħt dan l-artikolu huwa illi wieħed mill-werrieta jkun ċeda b'titolu oneruż "il-jeddijiet tiegħu fuq il-wirt"; ma huwiex biżżejjed li tkun saret aljenazzjoni oneruża ta' xi beni partikolari tal-wirt.
Fil-każ tallum ma hemmx kontestazzjoni illi fil-wirt ta' Joseph Callus kien hemm beni oħra barra l-fond mibjugħ lill-konvenuti. Għalhekk ma jistax jingħad illi saret ċessjoni tal-jeddijiet fuq il-wirt, u lanqas ma saret ċessjoni bħal dik moħbija b'simulazzjoni taħt il-forma ta' aljenazzjoni ta' beni partikolari li jkunu jifformaw it-totalità tal-wirt.
L-eċċezzjoni tal-konvenuti hija għalhekk tajba u l-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tilqa' l-eċċezzjoni, tiċħad it-talbiet tal-atturi u tikkundannahom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------